MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1276/2003

**Citadel Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Rudolph Farrugia propjetarju tad-ditta Rudolph's Motoring School u l-istess Rudolph Farrugia**

**Vs**

**Carmel Borg**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm409.50c (erba' mija u disa' liri Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Pamela Gauci tghid li kienet qed issuq taht is-supervizjoni ta' Francis Sammut fejn giet il-vettura tal-konvenut minn warajha u qabzitha min-naha tal-lemin taghha izda waqt li l-konvenut kien qed jaqbizha gibed ghal fuqha u gara l-impatt.

Francis Sammut qal:

"Jien kont instructor b'learning plates number 122 go vettura RMS 122 u waqt li konna ghaddejjin fi Triq in-Nutar Zarb, H'Attard giet vettura FBH 778 minn warajna u waqt li kienet qed taqbizna min-naha tal-lemin gibdet ghal fuqna u dahlet go fina."

Il-konvenut ighid li kien ghaddej minn Triq in-Nutar Zarb, H'Attard u kien hemm vettura quddiemu u kif kien qieghed jaqbizha sema' hoss, waqaf u sab li gara l-incident.

Il-passigiera mal-konvenut qalet li ma rat xejn hlief semghet il-hoss tal-habta.

Ra s-seduta tat-12 ta' Novembru, 2003 li fiha xehed Dr Edmond Zammit Laferla, prodott mis-socjeta' attrici, fejn ikkonferma li l-vettura kienet koperta taht polza *comprehensive* u s-socjeta' attrici hallset l-ammonti kif indikati kif ukoll Rudolph Farrugia hallas Lm150.00c (mija u hamsin lira Maltin) *excess*.
Ra x-xhieda ta' PS 977 Joe Zammit fejn ikkonferma d-dettalji fir-*Road Accident Report*.

Ra x-xhieda ta' Pamela Gauci, prodotta mis-socjeta' attrici, u tghid li kienet qed issuq fid-direzzjoni ta' H'Attard fejn gie ragel minn warajhom biex jaqbizhom u biex ma jidholx fil-vettura li kienet gejja mill-faccata baqa' diehel fiha. Mistoqsiha ghalfejn ma semmiethix li kienet gejja karozza mill-faccata tghid ghaliex kienet imwerwra u ma qalet xejn. Tghid ukoll li kienet ghaddejja bil-mod hafna minhabba li kienet ghadha titghallem. Taqbel ma' l-iskizz.

Ra x-xhieda ta' Francis Sammut, prodott mis-socjeta' attrici, fejn jikkonferma li kien bhala driving instructor u jghid li l-vetturi taghhom ghandhom *double steering* kif ukoll kontroll tal-*brakes*, *accelerator* u *clutch*. Jikkonferma wkoll li qalet Pamela Gauci u jzid li t-triq kienet *single lane*. Jghid li s-surpass sar ezattament kif qabzu z-*zebra crossing*.

Ra x-xhieda ta' Carmel Borg fejn ighid li daqsxejn 'il boghod miz-*zebra crossing* huwa wiesa' u kienu jghaddu zewg karozzi. Jghid li minn qabel il-habta kien diga' fuq il-*lane* ta' barra u meta qabizha sema' hoss tad-daqqa fil-bieba ta' wara fuq il-kaxxa. Jikkonferma li kien ghaddej bi speed qawwi iktar minn ta' Gauci u jghid li biex qabez il-vettura l-ohra dejjem baqa' fil-*proper lane* tieghu.

Ra x-xhieda ta' Violet Borg Gerada li kienet *front seat passenger* meta sehh l-incident fejn tghid li fuq ix-xellug taghhom kien hemm *learner* u f'hin minnhom rat il-karozza ta' Gauci timxi fuq il-lemin taghhom u semghet id-daqqa. Tichad li l-konvenut prova jaqbizha. Mistoqsiha jekk il-vettura kienetx qabzet il-linji tan-nofs tat-triq tghid li ma tistax tirrispondi.

Illi l-konvenut Carmel Borg ma kienx konvincenti u kredibbli fix-xhieda tieghu. Illi fil-fatt fejn gara l-incident huwa difficli hafna jekk mhux impossibbli li zewg karozzi jghaddu fejn xulxin fl-istess *lane* taghhom. Il-konvenut l-ewwel qal li l-attrici kienet ghaddejja bi *speed* iktar minnu w imbaghad qal li waqt li kien qed jaghmel il-manuvra ta' surpass kien ghaddej bi *speed* akbar minn taghha. L-ewwel il-konvenut qal li waqaf fl-istess *lane* u mbaghad qal li wara l-habta ntefa' fejn il-hajt. M'hemmx spjegazzjoni ghaliex il-konvenut baqa' sejjer ghoxrin (20) jew tletin (30) pied wara l-habta jekk kien qed isuq bi *speed* ta' tletin jew erbghin kilometru fis-siegha (30/40 kmph).

Illi mart il-konvenut, ezatt wara l-incident qalet lill-pulizija li ma rat xejn imbaghad meta xehdet qalet li rat lill-karozza timxi fuq il-lemin taghhom.

L-Artikolu 183 tal-Highway Code jipprovdi:

“Before overtaking give the appropriate signal, make certain that the vehicle you intend to overtake is aware of your intention.”

L-Artikolu 191 jipprovdi:

“Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself or to others”.
Illi fil-kawza **Zammit Cutajar Vs Formosa (Appell Civili 26/6/1961)** gie ddikjarat li:

“Id-driver ta’ karozza li jigi biex jissorpassa karozza ohra ghandu jkun zgur, qabel ma jaghmel dik il-manuvra, illi jista’ jaghmilha b’sikurezza.”

Kien il-konvenut li kellu jara li josserva r-regolamenti qabel ma jaghmel u waqt li kien qed jaghmel dik il-manuvra.

Il-verzjoni ta’ l-atturi hi sostanzjat minn xhieda kredibbli u konsistenti.

Id-danni ma gewx kontestati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba ta’ l-atturi, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwstjoni u jikkundanna lill-konvenut ihallas Lm409.50c (erba’ mija u disa’ liri Maltin u hamsin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali ta’ Jannar, 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------